MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 973/2003

**Carmel *sive* Charles Cilia**

**vs**

**Emanuel Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta a fol 1 tal-process fejn esepona: -

Illi l-konvenut kien jamministra l-beni ta' Alfred Gatt sa ftit xhur qabel ma miet fit-2 ta' Ottubru 2002 (Dok. A).

Illi bl-ahhar testment tieghu datat 27 ta' Jannar 1994, in atti Nutar Joseph H. Saydon (Dok. B), id-*decujus* Alfred Gatt innomina u istitwixxa lill-istanti bhala "eredi universali propjetarju u padrun assolut ta' gidu kollu".

Illi d-*decujus* Alfred Gatt kellu oggetti mobbili - elenkati fil-fuq imsemini testment Dok. B - fid-data tal-mewt tieghu fil-fond 8, St. Catherine Street (gia 3, Alley 1, Barracks Street) Qormi, fejn id-*decujus* kien jirrisjedi ma' huh il-konvenut.

Illi l-konvenut, anki wara li gie interpellat diversi drabi, naqas illi jghati kont tal-amministrazzjoni tieghu *a tenur* tal-Art. 1875 tal-Kap. 16, kif ukoll qed jirrifjuta li jikkonsenja lill-istanti l-oggetti mobbili tad-*decujus* - illum tal-istanti.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex:-

1. Fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti, jghati kont tal-amministrazzjoni tieghu tal-assi tal-mejjet Alfred Gatt.

2. Fl-istess zmien iffissat mill-Qorti, jikkonsenja lill-attur il-flus u l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lid-*decujus* Alfred Gatt fid-data tal-mewt tieghu u llum appartenenti lill-attur.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Mejju 2003, u tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002, u b'riserva ta' kull azzjoni ta' danni u imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Emanuel Gatt datata 4 ta' Novembru 2003 (fol 14) fejn espona: -

a. Illi hu minnu li d-*decujus* kien guvni u li kien jirresjedi f'3, Alley 1, Barracks Street, Qormi flimkien ma' ohthom li hi xebba.

b. Illi hu minnu wkoll li l-esponent gie appuntat prokuratur mid-*decujus* imma **ghal perjodu verament**

**qasir u b’ mod insinifikanti** u dan bhalma jaf ben tajjeb l- istess attur, fejn kellu jigi rikoverat l-ewwel Sir Paul Boffa Hospital imbaghad St. Vincent de Paule.

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent kien xehed f’kawza li l-istess attur kien ghamel kontra zijuh il-mejjet fejn b’mod apert gie indikat li ma kien hemm xejn sostanzjali kif qed jipprova jpingi l-attur.

d. Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu, l-agir tal-attur f’din is-sitwazzjoni hija verament vessatorja u dan bhal ma jaf ben tajjeb hu stess u li ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**kontro talba** ta’ Emanuel Gatt datata 4 ta’ Novembru 2003 (fol 16) fejn espona: -

(a) Illi huwa qed jipprevalixxi ruhu bil-proceduri istitwiti mill-attur u dan *ai termini* tal-ligi qed jipprezenta din il-kontro-talba.

(b) Illi hu gie nominat ghall-perjodu qasir biex ikun prokuratur ta’ huh il-mejjet Alfred Gatt.

(c) Illi *di piu`*, anke qabel ma gie appuntat prokuratur tal-mejjet l-istess esponent kien renda servigi u assistenza lil huh il-mejjet.

(d) Illi l-istess esponent qatt ma gie kkompensat ghalkemm talab ukoll lill-istess attur Charles Cilia li jidher li hu l-werriet universali ta’ Alfred Gatt, fejn baqa’ inadempjenti.

(e) Illi din qed isservi ta’ pregudizzju ghall-istess esponent.

Ghalhekk jghid l-attur rikonvenzjonat:

1. Li jigi dikjarat li l-esponent ghandu jigi kkumpensat ghal dritt ta’ servigi u kumpens ghax-xoghol li ghamel sia

meta kien prokuratur, u qabel ma kien prokuratur kif ukoll wara li spicca minn prokuratur.

2. Illi s-somma dovuta lilu tigi hekk likwidata favur l-istess esponent.

3. Illi l-istess attur jigi kundannat ihallas is-somma hekk stabbilita.

Bl-ispejjes kif ukoll bis-subizzjoni tal-istess attur.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-attur Carmel Cilia ghall-**kontro talba** tal-konvenut a fol 18 tal-process fejn espona illi: -

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni kwinkwennali *a tenur* tal-Art. 2156 tal-Kodici Civili.

2. Fil-meritu, li l-konvenut ma rrenda ebda servigi ghal Alfred Gatt hlief ghall-perjodu li kien jamministra l-assi tieghu u esklussivament ghal dan li skop. Id-drittijiet dovuti ghal dawn il-prestazzjonijiet ma jistghux jigu likwidati qabel ma' l-istess konvenut jirrendi rendikont tal-amministrazzjoni tieghu - kif mitlub jaghmel fl-att tac-citazzjoni promotorju.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Carmel *sive* Charles Cilia datata 3 ta' Jannar 2007 a fol 185 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2007 (fol. 202) mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel ghas-26 ta' April 2007; u l-verbali kollha tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn din il-kawza giet differta ghat-30 ta' April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din l-istanza hija msejsa fuq zewg talbiet. L-ewwel nett, l-attur *qua* eredi universali, proprjetarju u padrun in assolut tal-eredita' tal-mejjet Alfred Gatt, qed jitlob rendikont minghand il-konvenut tal-amministrazzjoni tieghu tal-beni tad-*decujus*. Fit-tieni lok qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jikkonsenja lill-istess attur il-flus u l-assi mobbli li kienu jappartjenu lid-*decujus* fid-data tal-mewt tieghu. Il-konvenut, da parti tieghu, ipprezenta **kontro-talba** fejn qed jitlob kumpens ghas-servigi rezi lid-*decujus*.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma, fil-qosor is-segwenti. **Alfred Gatt,** li kien guvni, kien jghix ma' huh ukoll guvni, il-konvenut Emanuel, u ohtu xebba, Maria, li mietet fil-mori, fil-fond 8, St. Catherine Street (gja Alley 1, Barracks Street) Qormi, ta' liema fond huma kienu uzufruttwarji u, flimkien ma' huthom l-ohra, koproprjetarji. Alfred Gatt miet testat fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002)[1] u bl-ahhar testment tieghu in atti tan-Nutar Dottor Joseph Saydon tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994)[2] istitwixxa lill-attur bhala l-eredi universali u padrun assolut ta' gidu kollu. L-assi ereditarji kienu jikkomprendu s-sehem indiviz tad-*decujus* mill-assi ereditarji ta' Giuseppe Gatt u Carmelo Gatt. Il-konvenut Emmanuel Gatt kien jamministra il-beni tad-*decujus* sa ftit xhur qabel ma miet u bejn is-sena 1994 sas-sena 2000 kien l-attur li kellu prokura tieghu. Id-*decujus* gie rikoverat fl-Isptar Boffa fl-

[1] **DOK. A** anness mac-citazzjoni.
[2] **DOK. B** anness mac-citazzjoni

ahhar ta' Jannar tas-sena 2000, u sussegwentement fl-Isptar San Vincenz de Paule fejn miet. Fost dawn l-assi kien hemm diversi oggetti mobbli li jinsabu elenkati f'inventarju anness bhala "**DOK A**" mat-testment **DOK B** u oggetti ohra, li kienu jisabu fir-residenza tal-mejjet, meta miet. Il-konvenut, minnkejja li gie interpellat biex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu kif ukoll sabiex jikkonsenja l-flus u oggetti mobbli appartenenti lill-eredita', baqa' inadempjenti.

**Carmel Cilia** xehed[3] li hu n-neputi tad-*decujus* u li kien ilu midhla tieghu ghal zmien twil. Skont ix-xhud kien jindukrah u jiddedika hafna hin ghalih tant li meta kien jilmenta li kien qed jittraskura l-familja, zijuh kien jghidlu biex iserrah rasu ghax kien ha jiehu hsiebu. Wara s-snin sebghin ir-relazzjonijiet bejn il-mejjet u hutu tant iddeterjoraw li kien jakkompanjah hafna drabi ghand l-Avukat biex jiktbilhom.

"*Jiena nghid wkoll li bejn is-snin sebghin u s-sena 1994 bqajt niehu hsieb sewwa lil Alfred Gatt u dan jinkludi x-xiri ta' hwejjeg u affarijiet ohra ghalih, u kien qed jilmenta li anke dawn l-affarijiet kien qed isibhom neqsin, fosthom xi dokumenti tieghu, li xi hadd qieghed inaddaflu l-kamra u anke minnkejja li kien qieghed jiehu certu oggetti f'remissa fil-qrib, xorta wahda kien qed isibhom neqsin. Kien hemm episodji fejn sahansitra beda jibza' ghal hajtu u kienu involuti f'dan anke hutu.*"

Kien anke, fl-istess perjodu, jiehu hsieb fit-tmexxija tan-negozju tad-*decujus* fis-sens li jehodlu l-ordnijiet u jzommlu il-karti tal-*income tax*, izommlu l-kotba u jidher ghalih hu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. L-attur xehed li kien sahansitra jikkuralu saqajh peress li kellu kondizzjoni li seta’ jitlef is-sieq. Peress li kellu inkwiet ma' hutu, kien iqatta' hin twil id-dar tal-attur.

L-attur kompla jixhed li d-*decujus* kien tah l-ewwel prokura fl-1994[4] izda peress li kien ghad kellu l-fakoltajiet mentali

[3] Xhieda a fol. 20 tal-process.
[4] **DOK.CC1** a fol. 29 tal-process.

kollha tieghu ma kienx uzaha. Madanakollu d-*decujus* kien jilmenta li kien isib hwejjeg personali, inkluz flus u hwejjeg ta' valur neqsin minn fejn ikun qed ihallihom. "*Meta Alfred Gatt iddahhal l-isptar fis-sena 2000 jiena gejt biex nibda nutilizza l-prokura li kien tani pero' sibt rezistenza mill-konvenut...ippruvajt nidhol fl-ambjenti u l-kamra ta' Alfred Gatt izda kont gejt mizmum u kellha tiddahhal anki l- pulizija"* izda rnexxielu biss jirtira l-karta tal-identita' biex ikun jista' isarraflu c-cekkijiet. Inoltre "*Alfred Gatt kien ukoll uzufruttwarju flimkien ma' hutu ta' dak li kien hemm fid-dar. Minnbarra f'hekk naf ukoll li hu kien ihallas Lm17 fil-gimgha ghaz-zamma tieghu fl-istess dar."*

Id-*decujus* dahal fl-isptar Boffa fl-ahhar ta' Jannar tas-sena 2000 izda "*ma giex imholli jerga' jidhol lura d-dar u allura kellu jigi rikoverat fid-dar tal-anzjani San Vincenz de Paule fejn miet."* Anke f'dan il-perjodu kien inqala' inkwiet bejn id-*decujus* u hutu. Eventwalment izda d-*decujus* irtira l-prokura u kienu jmorru hutu izuruh u, skont ix-xhud, iwebbluh biex jaghmel dan. "*Naf illi fil-15 ta' Gunju 2000 kont ircevejt ittra b'avukat illi kienet titlobni biex naghti rendikont tat-tmexxija li kont ilhaqt ghamilt ta' hwejjeg Alfred Gatt u jiena dan ghamiltu b'ghajnuna tal-avukat tieghi f'medda ta' tlett ijiem...kont semmejt fir-rendikont tieghi cifra ta' Lm12,000 illi z-ziju Alfred kien semmieli li kellu fil-kamra tieghu u li b'xi mod jew iehor minghandu sirt naf li parti minnha kienet giet mislufa lil wahda min-neputijiet.* Emmanuel Gatt irrifjuta li jikkonferma r-rendikont izda dan approvah Alfred Gatt *de proprio*.[5]

**Carmel Cilia** kompla jixhed li qatt ma gew ikkunsinjati lilu hwejjeg Alfred Gatt kif ukoll qatt ma inghata rendikont ta' dak li kien jispetta lid-*decujus* mill-uzufrutti waqt li kien prokuratur tieghu. F'Marzu 2001, d-*decujus* rega' ried jahtru prokuratur permezz ta' prokura, izda hu ma setax jaccetta peress li kien beda proceduri ghall-hlas ta' kumpens ta' servigi.

[5] **DOK. CC2** a fol. 32 tal-process.

Wara l-mewt tad-*decujus* hu sar jaf li kien inhatar werriet universali. Sab li fost l-assi kien hemm kont bankarju mal-HSBC fil-fergha ta' Hal Qormi intestat fuq isem tliet ahwa li kien gie zbankat hlief ghal ftit centezmi xahar qabel ma gie nieqes.

Hu xehed li meta gie rikoverat f'San Vincenz, ma setax ikompli jzuru bl-istess frekwenza. Izda waqt li kien rikoverat fl-Isptar Boffa kien jixtrilu dak kollu mehtieg fosthom arlogg b'numri kbar u anke jahsillu l-hwejjeg. Kellu jieqaf meta tnehhietlu l-prokura."*Bdejt ninduna li l-hwejjeg li kien ikollu fuqu kienu jinghataw mill-Isptar. Din kelli konferma taghha wkoll mis-servjenti tal-isptar minnbarra il-fatt li l-hwejjeg li kont narah liebes ma kienux il-hwejjeg illi kienu ta' l-istil li jhobb jilbes hu. Osservajt ukoll li anke l-komodina li normalment fiz-zmien li kont prokuratur kont niehu hsieb li ikollha fiha affarijiet tal-ikel, kienet qed tkun vojta...Naf li s-Lm17 fil-gimgha li semma' qabel baqa' ihallashom sakemm kien gie rikoverat fl-Isptar Sir Paul Boffa."*

Ix-xhud esibixxa diversi dokumenti, u cioe`, dikjarazzjoni mid-*decujus* fejn stqarr li kellu jaghtih LM80,000[6] kif ukoll korrispondenza varja indirizzata lejn Dipartimenti ikkoncernati kif ukoll lil hut id-*decujus*, mibghuta fl-ewwel xhur tas-sena 2000, meta allura, l-attur kien qed iwettaq il-mansjonijiet tieghu bhala prokuratur.[7] Wara li talab rendikont minghand il-konvenut,[8] gie min-naha tieghu nfurmat li gie sostitwit fil-prokura u interpellat jaghti rendikont[9] tal-amministrazzjoni tieghu, li effettivament ghamel[10].

L-attur ipproduca bhala xhud lil **DUN MIKIEL ZAMMIT**[11] habib u midhla sew tad-*decujus* ghal bosta snin. Hu ikkorrobora dak li xehed l-attur fis-sens li "*Alfred Gatt kien jghidli kemm kien jiehu hsiebu, kemm jagevolah u kemm*

[6] **DOKTI.CC3 u CC4** a fol. 33 u 34 tal-process.
[7] **DOKTI.CC5 sa' CC31** a fol. 35 sa' fol. 100 tal-process.
[8] **DOKTI.CC15 u CC16** a fol.50 u 51 tal-process.
[9] **DOK.CC17** a fol. 52 tal-process.
[10] **DOK.CC18** a fol. 53 tal-process.
[11] Xhieda a fol.101 et. seq. tal-process.

*jappoggah"* l-istess Carmel Cilia. "*Peress li kien ibati minn kondizzjoni f'wahda minn riglu, kien isemmili kemm kien isib lill-attur biex jikkurah u anke jiehu hsiebu f'dan l-aspett....kien jghidli li l-attur kien jehodlu hsieb hwejgu u qalli anke li l-attur kien ghamlu bhala prokuratur tieghu".*

Hu xehed ukoll li d-*decujus* kien isemmilu xi kultant b'xi akkwisti li jkun ghamel, b'xi pjanu jew inkella lustrini jew affartijiet ohra tad-dar.

"*Ghar-rigward ta' kif kienu r-relazzjonijiet bejn Alfred Gatt u hutu, jien nghid li fuq dan is-suggett ma kont nindahal xejn u nghid li meta Alfred kien ikun ha jibda jaccenna xi haga kont nghidlu biex ma jkomplix jitkellem fuq hekk."*

Xehed ukoll id-difensur tal-attur, **l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel**[12] li qal li d-*decujus* kien ilu klijent tieghu sa mis-snin sebghin. Minn dejjem kien jilmenta principalment li ma kellux relazzjonijiet tajbin maz-zewg hutu l-ohra li maghhom kien jghix. Kien xtaq ukoll li l-parti tad-dar li kien jokkupa tkun segregata ghaliha peress li kien izomm ammont ta’ *cash* sostanzjali fil-kamra tieghu. In **Kontro-ezami**[13] spjega li hutu ma kienux jittrattawh bhala parti mill-familja: "*huh Manwel kien qed jigbor il-flejjes ta' dak li huma wirt u qatt ma jghaddilu Lira, ghalkemm huwa kellu l-uzufrutt flimkien maghhom. Kien jghid li ma kienux isajrulu u allura kellu jixtri spiritiera u jsajjar fil-kamra tieghu ghax kien qisu segregat, ghalkemm huwa kellu l-uzufrutt fid-dar tal-genituri..u lanqas kienu jhalluh jippartecipa fuq il-mejda tal-ikel maghhom u allura kellu jarma kollox ghal rasu....Kien hemm xi wirt li kien komuni u kien jigi amministrat minn huh Manuel. Kien jigbor il-kera huh Manuel. Ma kienux jghaddulu s-sehem spettanti lilu minn dak id-dhul."* Hu xehed li kien kiteb xi ghoxrin darba lil hutu dwar id-drittijiet pretizi minnu. Gieli kien ikellmu wahdu, peress li l-ufficcju tieghu kien vicin il-hanut tad-*decujus*, u gieli kien igibu l-attur jekk kien jigi jarah fl-ufficcju tieghu barra Hal-Qormi. Dwar il-flejjes pretizi, li skont id-*decujus* kienu "*ghexieren"* ghal bidu kien

[12] Xhieda a fol. 106 et seq. tal-process.
[13] Xhieda a fol. 112 et. seq. tal-process.

jghidlu biex ma jsemmihomx biex ma jaqlax inkwiet, izda meta l-affarijiet qrasu bejnu u bejn hutu, beda jesigi d-drittijiet tieghu.

Xehed ukoll li minhabba s-segregazzjoni tieghu, id-*decujus* kien qallu li kien rama kamra relattivament kbira, parti bhala kcina, u parti ghal irqad. Kien jghidlu li dik il-kamra saret "*qisha il-kastell tieghu u li kellu kaxxa tal-galletti, jigifieri tal-metall, imma kienet tal-gallettini mhux sejf"* li fiha ghandu hafna flus biex ikopri l-funeral u l-legati kollha. Ix- xhud ma ftakarx ic-cifra li kien isemmi. Kien jghid lill-Avukat li "*ghandi kollox qieghed hemmhekk biex Karmenu jkun jaf bihom, imma tkun taf bihom int wkoll."* Ma riedx li hutu jidhlulu fil-kamra u ried li jzommha privata. Kien qal ukoll li xi ghamara kien xtraha hu.

Hu ddikjara wkoll li Alfred Gatt kien kellmu fuq it-telefon meta kien gie rikoverat fl-Isptar Boffa biex jghidlu li xtaq li l-attur imur jigbor il-kaxxa tal-flus u hu kiteb lil hutu biex jaghtu appuntament biex l-attur ikun jista' jidhol id-dar u jirtira din il-kaxxa izda dan l-appuntament qatt ma inghata u, sa fejn jaf hu, il-kaxxa qatt ma giet migbura.

**L-attur** xehed **in kontro ezami** li hu Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Ikkonferma li d-*decujus* mieghu biss kien jiftah qalbu u bejniethom kien hemm rabta ta' familjarita' li bdiet minn qabel ma zzewweg fis-sena 1972. Hu xehed li kien gie mqabbad biex jigbor il-kirjiet tal-postijiet li kienu mizmumin b'uzufrutt in komun u dan kien jaghmlu kull xahar. Meta mietet omm id-*decujus*, in-nanna tax-xhud, lid-*decujus* ma baqalux sehem mill-kirjiet li kien qed jigbor izda kellu ishma minn proprjetajiet ohrajn fi Triq Kardinal Sciberras u xi kirjiet ohrajn fi Triq il-Kanun provenjenti mill-wirt tan-nanna. Ma tkellmux dwar dawn il-proprjetajiet izda kien jaf li d-*decujus* mar kemm-il darba ghand l-Avukat biex jiehu parir. Hu kkonferma li ma kienx jindahallu tant li lanqas utilizza il-prokura sakemm gie biex jigi rikoverat fl-Isptar. Qabel inghata l-prokura, kien jagixxi bl-awtorita' verbali ta' Alfred Gatt.

Ikkonferma wkoll li r-relazzjonijiet bejn id-*decujus* u hutu kienu hzienu u marru ghall-aghar izda l-istess Alfred Gatt

ma riedx li jaghmel rapport il-Pulizija meta ma kienx rega' jithalla jidhol fid-dar.

Apparti il-kamra fejn kien jiekol u jorqod, kellu remissa li taghmel parti mid-dar li fiha kien jghaddi zmien billi joqghod inaqqax il-gebel.

Meta qal li kien irraportalu li kien sab oggetti neqsin, kien qed jirreferi ghal oggetti ta' ilbies u qallu li kienu intmessewlu xi flus. Hu ghamel riferenza ghal dokument, iffirmata mid-*decujus*, fejn nizzel l-oggetti li d-*decujus* kien qallu li sabhom neqsin, "*Naqbel li dan id-dokument jirreferi ghall-oggetti li Alfred Gatt kien qalli li qeghdin f'kamartu u li suppost kien inkarigani biex nigborhomlu."* Hu xehed li dan id-dokument gie ffirmat fuq talba tieghu wara li giet irtirata il-prokura tieghu u ntalab li jaghti rendikont. Alfred Gatt iffirmah fil-prezenza tieghu biss.

Id-*decujus* kien ihalli hafna flus fil-kamra tieghu peress li kellu hanut u ma kienx juza *cheque books.* Id-*decujus* kien qallu biss bic-cifra ta' Lm12000 xi ftit zmien qabel ma dahal l-Isptar u rega' qallu biha meta nduna li ma kienx ser jithalla jidhol fid-dar.

Rigward **DOK 2** a fol. 32 tal-process, ikkonferma li dan gie miktub minnu, iffirmat minnu u mill-konvenut. Qal li kitbu taht dettatura minn Alfred Gatt stess. Hu cahad li kien imexxi kollox f'dak li ghandu x'jaqsam ma' Alfred Gatt u nsista li d-*decujus* kien meqjus bhala l-intellettwali tal-familja. Qal li qatt ma thallas fiz-zmien li kien mandatarju u kien uzaha biss biex isarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni meta kien l-isptar. Fil-fatt kellu incident fl-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi ghaliex il-konvenut ma ridx itih il-karta tal-identita` tal-mandanti tieghu. Cahad ukoll li Alfred Gatt kien ghennu finanzjarjament ghar-ragunijiet ta' sahha.

Rigward **DOK.3** a fol. 33 tal-process, ikkonferma li f'dak iz-zmien id-*decujus* ma kienx l-isptar. Kif jidher mill-istess, gie moghti fid-dar ta' Alfred Gatt "*proprju fil-kamra tieghu*" u ddettata minnu wkoll. Kienet idea tieghu u mhux ma kienx mgharraf li kienet ser issir. Dak iz-zmien kien imur spiss sa ghandu. Ma kien ikun hemm hadd iehor prezenti.

"*Nghid li s-somma ta' Lm80,000 giet imfassla fuq il-bazi tas-servigi u s-servizzi li jiena kont tajtu fid-diskrezzjoni ta' Alfred Gatt. Dak iz-zmien ma kontx naf x'assi kellu...ic-cifra ta' Lm80,000 ma iddubitajthiex.Kont nassumi li la ddikjara li kelli niehu dak l-ammont allura kellu mnejn ihallsu. Kien kapaci jikteb minhabba illi kien bniedem istruwit,"* Hu spjega, riferibbilment ghal **DOK. 4** a fol. 34 tal-process, li l-htiega tad-dokument kien minnhabba li kien qed jigi imminat "*fis-sens li ghalkemm jiena kelli l-prokura, kienu qeghdin isiru tentattivi minn taht biex il-prokura tittehidli u ma jhallunix nersaq aktar lejn Alfred Gatt."* Dan id-dokument gie ffirmat minnu u minn zijuh fl-Isptar. Hadd ma kien prezenti. Dan id-dokument tat-28 ta' Gunju 2000 sar fuq inizjattiva tal-attur ghar-ragunijiet li semma'.

Riferibbilment ghal **DOK.5** a fol.35 tal-process, kitbu waqt li kien ghadu prokuratur peress li sar jaf li l-konvenut kien qieghed imur jigbor il-pensjoni f'isem huh. Ic-cekkijiet tal-pensjoni kienu qed imorru id-dar tad-*decujus* u jinzammu. Iktar 'il quddiem xehed li kien qed isib rezistenza qawwija mill-konvenut peress li kien izomm ic-cekkijiet f'idejh u ma kienx ikun irid jitlaqhom. Mill-informazzjoni li talab, ic-cekkijiet ma kienux lahqu gew imsarrfin. Qal ukoll izda li kien hemm zmien meta tnehhiet il-prokura tal-konvenut u Alfred Gatt ma kellu ebda prokuratur waqt li kien haj izda c-cekkijiet tieghu kienu gew msarrfin. F'seduta sussegwenti xehed li ma kienx ircieva risposta ghall-ittra tieghu datata 21 ta' Frar 2000 u ma regax kiteb. Gie muri nota esibita bhala **DOK CCX** a fol.142 u xehed li qatt ma raha. Xehed li id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kien gharrfu wara li kien miet id-*decujus*, li l-konvenut kien qieghed irodd lura c-cekkijiet tal-pensjoni intestati f'isem Alfed Gatt, lid-Dipartiment. Seta' javvicina lid-Dipartiment wara l-mewt tad-*decujus* fil-vesti tieghu ta' werriet.

Riferibbilment ghal **DOK 19** a fol. 55 tal-process, ikkonferma li ma kienx inghata access ghal-affarijiet li kienu maqfulin fil-kamra ta' Alfred Gatt imsemmijin fid-dokument u ma kienx rahom imma sema' bihom minghand id-*decujus*.

Wara li ntemmet il-prokura tieghu, Alfred Gatt baqa' isemmi dejjem il-flus kontanti fl-ammont ta' Lm12,000 li kellu f'kamartu u li ma setax jidhol ghalihom. Dawn semmihomlu meta kienu wahidhom. Madanakollu kkonferma li anke meta kien l-isptar, Alfred Gatt dejjem baqa' attent u preciz hafna fuq it-tmexxija ta' hwejgu tant li "it-Lm12,000 li kien isemmi kienu maghmulin bil-qies biex jiehdu hsieb il-libertajiet jew inkella legati li hu kien ha in konsiderazzjoni fit-testment tieghu."

**Il-konvenut, EMMANUEL GATT** xehed[14] li kien dam prokuratur ta' Alfred Gatt ghal seba' xhur. Darba meta mar izuru l-isptar qallu li l-attur kien qed ihallas lil ohthom Maria Gatt Lm17 fil-gimgha u kien qieghed jiehu l-firma u l-ircevuta. "*Minbarra dan kien allegali wkoll li l-attur tallum kien qieghed jisirqu."* Hu esibixxa notament fejn nizzel il-kliem ezatt ta' huh meta hatru prokuratur. Cahad li qatt bhala familja, ma kellhom glied mal-attur u kienu jhallu lill-attur izur liz-ziju fil-kamra tieghu u joqghod kemm irid. Cahad li huh kellu jaqsam il-kamra nofsha f'kcina u nofsha kamra tas-sodda.

Hu xehed li fis-27 ta' Jannar 2000 huh iddahhal l-isptar. L-attur kien gharrfu li huh kellu kont pendenti ta' Lm13,000 mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. L-attur talbu c-cwievet tal-hanut ta' huh peress li kellu l-prokura hemmhekk. Tahomlu u cemplulu mill-ghassa tal-Pulizija biex johdilhom il-karta tal-identita` ta' huh u eventwalment hekk ghamel. Din il-karta tal-identita' giet lura ghandu meta inhatar hu prokuratur.

Xehed li kien beda jigbor il-parti tal-pensjoni u c-cekkijiet tal-pensjoni ta' huh, isarrafhom u jhallas l-ispejjez li kien hemm li kienu jinkludu l-ispejjez gudizzjarji ghall-kawza li l-attur kien fetah kontra d-*decujus*. Il-pensjoni dak iz-zmien kienet ta' Lm146 kull 4 gimghat. Kien jircievi wkoll xi kirjiet ammontanti ghal circa Lm80 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur, u li kienu jinqasmu bejn l-ahwa. Kien hemm wkoll kont bankarji f'isem huhom l-iehor li kien miet u

[14] Xhieda a fol.148 et.seq. tal-process.

kienu jaqsmu l-imghaxijiet, u l-kera tad-dar ta' missier l-attur pagabbli kull tliet xhur u soggetta ghac-cens annwu ta' Lm24.

Rigward prestazzjonijiet ohra bhala prokuratur, sar jaf li huh kellu kontijiet bankarji fl-esteru li ma kellux involviment fihom. "*Hija Alfred ma kienx izomm depoziti f'banek Maltin imma biss f'banek barranin u niftakar darba fil-prezenza ta' neputija ohra tieghi, Guza Micallef, kien semmieli li l-attur kien tela' flimkien mat-tifla l-ohra tieghu b'cekk ta' xi Lm100,000 li qalli li kien ser jiddepozitahom f'xi kont f'bank fl-Iskozja. Matul il-hajja ta' Alfred Gatt kien sar bejgh ta' xi proprjeta` illi huwa kellu fl-ammont ta' Lm7300 u nghid li l-flus kien hadhom direttament l-attur b' Lm700 ohra biex jara c-cifra dritta ghat-tond u ghaddiehom, dejjem skont ma' rraportali Alfred Gatt, lil mart l-attur biex jitqeghdu f'bank biex jirrendu imghax ta' 8%."* Ma sab ebda assi ohrajn tul is-7 xhur tal-amministrazzjoni tieghu.

Xehed ukoll li apparti l-gbir ta’ flus u tisrif ta' cekkijiet, kien izuru l-isptar u kien anke pprova jiehu hwejgu biex jahsilhomlu imma l-attur kien zammu. Hu qal li meta nehhielu l-prokura huh kien imhawwad u ma fissirlux x'kienet ir-raguni. "*Sussegwentement nghid pero` li hija Alfred kien qalli li jiena ma stajtx inlahhaq max-xoghol li kelli naghmel lilu flimkien mal-obbligi li kelli fis-socjeta' tat-taghlim nisrani u kif ukoll kien semma' xi okkazzjoni ohra illi ma kontx qed naghtih soddisfazzjon ta' dak illi kont qed naghmel."*

**Il-konvenut in kontro ezami**[15] xehed li Alfred kien huh "*nieklu fuq mejda wahda u nsajjarlu jiena u kollox niehu hsieb jien. Tnejn u ghoxrin sena nsajjarlu u nixtrilu jiena."* Ma cahadx li kellhom diffikultajiet bejniethom izda qal li kellhom opinjonijiet differenti. "*Glied ma kienx hemm bejnietna".* Rigward l-allegat kont ta' Lm13,000 mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, qatt ma vverifikah dan il-kont meta kien prokuratur.

---

[15] Xhieda a fol.166 tal-process.

Mistoqsi dwar il-kont bankarju li kien jezisti f'isem huh l-iehor il-mejjet, xehed li l-imghaxijiet ghadhom jinqasmu bejnu u bejn ohtu u s-somma ghadha hemm. Id-*decujus* ghandu sehem minnu. Dan il-kont qieghed mal-Lombard Bank u jammonta ghal circa Lm2,000 "*u xi haga".* Mistoqsi dwar id-diversi ittri, inkluz ittra ufficjali, lilu mibghuta biex jaghti rendikont tal-flus u oggetti appartenenti lid-*decujus* li kellu, xehed li "*ta' Fredu li nista' nghid hu li kull flus li kont indahhal konna naqsmuhom bejnietna."*

Ix-xhud esibixxa tliet ittri mmarkati **DOKti. EG, EG1 u EG2** rispettivament[16]. Rigward id-depositu fl-esteru hu xehed li ma jafx x'hemm barra. L-attur ma tah ebda dokument hlief ta' kont ta' xi Lm7,000 (**DOK EG3)**[17]. Id-*decujus* qatt ma tah soddisfazzjon fuq il-flus ta' barra minn Malta. Lanqas talab xi spjegazzjoni mill-attur wara li rcieva r-rendikont tieghu.

Xehed izda li kien huh li qallu li kellu flus barra u kien jahseb li l-flus li d-depozita telghu mat-Lm80,000 izda ma qallux fejn qeghdin. "*Dawk imnizzlin fuq Cilia biex fl-income tax ma jidhrux"* skont kif qallu hu.

Hu kkonferma li l-ghamara mnizzla fit-testment tinsab id-dar. Hu xehed li mhumiex tad-*decujus*. Ommu mietet fis-sena 1969 u ghamlet testment fis-sena 1951[18]. "*Kull ma kien jidhol fid-dar kien komuni."* Mistoqsi fuq xi kwadri msemmijin fit-testment tad-*decujus* jekk xtrahomx id-*decujus* minn xi irkant ammetta li kien gabhom id-dar huh, "*wahhalhom fl-intrata u minn fejn gabhom ma nafx."*

Mistoqsi fuq erba' siggijiet, stil Vittorjan, xehed li z-zija Dolor Muscat kienet tghix maghhom u l-genituri taghha hallewha eredi ta' kollox. "*Fredu dahal baghbas li ried, hareg minn god-dar u qassam fejn ried. Id-dar ma gab xejn minn dak li hu taz-zija."* Madanakollu ammetta li gabhom huh "fi zmien ommi."

---

[16] Esibiti a fol. 157-159 tal-process.
[17] Esibit a fol. 160 tal-process.
[18] **DOK EG5** esibit a fol.162 tal-process.

Ammetta wkoll li d-*decujus* gab pjanu ppolixxjat, kaxxa tal-hgieg nofs tond mimlija fossili, zewg lustrini, ritratt tieghu bid-dekorazzjonijiet tal-gwerra, u ritratti bid-dekorazzjonijiet tal-gwerra. Sussegwentement tilef il-memorja ghaliex mistoqsi dwar diversi oggetti msemmijin fit-testment tad-*decujus*, ix-xhud ma setax jaghti risposta preciza.

Hu xehed li la hu u lanqas ohtu ma kienu jafu li kellu Lm12,000 fl-armarju u hadd ma dahal fil-kamra.

**Il-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit**[19] fejn stqarr li l-attur kien jiehu hsieb l-affarijiet ta' huh meta kien haj. "*Irrizulta lill-esponent li l-attur sfrutta sew il-pozizzjoni tieghu ma' huh liema ghajnuna kienet hafna drabi tikkonsisti fi flus li qatt ma gew ritornati lura."*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**I L-EWWEL TALBA ATTRICI GHAR-RENDIKONT TAL-AMMINISTRAZZJONI**

Ikkonsidrat li permezz tal-ewwel talba, l-attur qed jitlob rendikont mill-konvenut tal-amministrazzjoni tieghu. Dwar dan il-punt, li mhuwiex, u m'ghandux ikun kontroversjali, **l-Artikolu 1875** tal-Kodici Civili ta' Malta jiddisponi li:

*"Il-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant."*

Jirrizulta mill-atti li l-konvenut inghata prokura mid-*decujus* fitl-30 ta' Mejju 2000[20]. Skont ix-xhud dam prokuratur ghal xi seba' xhur.[21] Ma jirrizultax mill-atti meta effettivament giet terminata l-prokura tieghu izda jirrizulta li, permezz ta' prokura ohra datata s-27 ta' Frar 2001,[22] id-*decujus* rega'

[19] Esibit a fol.196 tal-process.
[20] **DOK.21** a fol.80 tal-process.
[21] Xhieda a fol. 148 tal-process.
[22] **DOK.22** a fol. 84-85 tal-process

innomina lill-attur, liema nomina sussegwentement ma gietx accettata minnu. Ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-perjodu tal-amministrazzjoni tal-konvenut *per prokura* jaqa' bejn l-estremi taz-zewg dati citati.

Il-konvenut eccepixxa li gie appuntat prokuratur mid-*decujus* ghall-perjodu verament qasir u b'mod insinifikanti u, *inoltre*, li kien xehed f'kawza ohra fejn gie ndikat li ma kien hemm xejn sostanzjali kif qed jipprova ipingi l-attur.

Illi l-Qorti ma tistax tifhem din il-linja ta' difiza li m'ghandha ebda fondament legali. L-artikolu fuq citat ,minghajr ebda distinzjoni jew kwalifika, timponi fuq il-mandatarju obbligu li jaghti rendikont, diment li l-mandanti, jew l-eredi tieghu, ma jtiehx il-kwittanza. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien inghata din il-kwittanza, anzi, l-attur, bhala eredi universali, qed jinsisti li jinghatalu rendikont. Jekk verament ma kien hemm xejn sostanzjali, allura *multo magis* il-konvenut m'ghandu jkollu ebda diffikulta' li jaghti kont tal-amministrazzjoni tieghu minghajr iktar dawmien sabiex jevita spejjez ohra a karigu tieghu. *Inoltre* s-sustanza o meno tal-assi *da amministrare* kif ukoll tad-dhul u prestazzjonijiet, u l-ezami tal-istess amministrazzjoni sabiex tinghata l-eventwali kwittanza jekk dan hu mmeritat, jistghu jigu biss determinati <u>wara</u> li jinghata r-rendikont mitlub u mhux *a priori.*

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tillikwida l-assi ereditarji tad-*decujus* izda tillimita ruhha biex tosserva li biss biss minn dak li qrat il-Qorti mix-xhieda esibita, *oltre* l-beni mobbli, flejjes u depoziti li ghandhom jigu kkonsenjati, jirrizulta li matul is-seba' xhur tal-amministrazzjoni tieghu id-*decujus* kien intitolat ghall-seba' skadenzi ta' hlas ta' pensjoni, *bonuses* u *supplementary pension* skont il-kaz, ikkalkolati sad-data tal-mewt tieghu, dhul minn kirjiet *pro rata* u imghaxijiet li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez relattivi ghall-amministrazzjoni u ghall-bzonnijiet tad-*decujus* mhux biss tal-beni appartenenti lid-*decujus* bhala proprjetarju in assolut, imma wkoll ta' sehemu indiviz mill-ereditajiet tal-genituri tal-istess *decujus* u familjari ohra li kienu qed jigu

amministrati mill-imsemmi Emmanuel Gatt tul l-amministrazzjoni tieghu ta' dawn il-beni komuni.

**Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.**

**II. Talba ghall-konsenja tal-oggetti appartenenti lid-*decujus*.**

Permezz tat-tieni talba, l-attur, *qua* eredi universali u proprjetarju in assolut tad-*decujus* Alfred Gatt, qed jitlob li jigu kkonsenjati lilu l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lill-mejjet fid-data tal-mewt tieghu. Dawn l-oggetti jikkonsistu fl-oggetti mobbli ndikati mill-istess *decujus* fl-inventarju anness bhala **DOK A** mal-ahhar testment tieghu[23] kif ukoll flus kontanti u depoziti.

**Oggetti li jirrizultaw mill-Inventarju DOK A**

Jirrizulta mhux ikkontestat li d-*decujus* kien jabita, flimien mal-konvenut u ma' ohthom xebba, Maria, illum mejta, fl-istess dar, u cioe' fil-fond 8, St. Catherine Street (gja Alley 1, Barracks Street) Qormi sakemm gie rikoverat f'Jannar tas- sena 2000, fl-Isptar Boffa. Ma jirrizultax kontradett li minn hemm kellu jigi rikoverat fl-Isptar San Vincenz peress li ma thalliex imur lura d-dar.

Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li l-attur ma kellux liberu access ghal dan il-fond meta l-mandanti tieghu dahal fl-Isptar Boffa, u allura dahal fl-amministrazzjoni tal-beni tieghu. Fil-fatt kellhom jigu involuti anke l-Pulizija biex ottjena semplici karta tal-identita'.

Lanqas jirrizulta kontradett li l-oggetti elenkati fl-inventarju ma kienux jinstabu fil-fond fuq premess. Anzi johrog car mix-xhieda tal-konvenut in kontro-ezami, li skont kif jirraguna hu, gjaladarba l-oggetti tpoggew f'dar li kienet proprjeta' "tal-komun" dawk l-oggetti ma jappartjenux izjed lid-*decujus* imma saru tal-komun. Dan ir-ragunament huwa assolutament bla bazi u ma jistax jigi akkolt.

[23] Esibit a fol. 31 tal-process

Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mid-dikjarazzjoni tal-ahhar volonta' tat-testatur Alfred Gatt u dwar il-veracita' tal-inventarju li gie redatt mat-testment tieghu. L-inventarju ghandu jinghata l-piz ta' prova tal-kontenut sakemm ma jirrizultax il-kuntrarju - prova li f'din il-kawza ma saritx. Anzi l-istess konvenut ammetta, in kontro-ezami, li xi affarijiet elenkati fl-inventarju kien "gabhom id-dar" huh. Sussegwentement zviluppat l-amnezija u ma elaborax izjed - liema atteggjament ixejjen il-kredibbilta' tieghu f'ghajnejn il-Qorti. Din il-konvinzjoni hija msahha bix-xhieda ta' **Dun Mikiel Zammit**, habib intimu tad-*decujus* li xehed li Alfred Gatt  kien isemmilu xi kultant b'xi akkwisti li jkun ghamel, b'xi pjanu jew inkella lustrini jew affartijiet ohra tad-dar.

**Flus u Depoziti**

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, isostni li hemm flus u depoziti komuni.

Dwar il-flus, il-Qorti tifhem li l-attur principalment qed jaccenna ghas-somma ta' Lm12,000 li d-*decujus* semma' li kellu f'kaxxa tal-gallettini fil-kamra tieghu. Din l-informazzjoni taha, kemm lill-attur, imma wkoll lill-avukat ta' fiducja tieghu ghal circa 30 sena, li, izda ma ftakarx l-ammont li semmielu imma ccara li d-*decujus* kien qallu li “fiha ghandu hafna flus biex ikopri l-funeral u l-legati kollha. Kien jghid lill-Avukat li "*ghandi kollox qieghed hemmhekk biex Karmenu jkun jaf bihom, imma tkun taf bihom int wkoll."* Dan wkoll ikkonfermah l-attur meta xehed "it-Lm12,000 li kien isemmi kienu maghmulin bil-qies biex jiehdu hsieb il-libertajiet jew inkella legati li hu kien ha in konsiderazzjoni fit-testment tieghu."

Jirrizulta mix-xhieda tal-Avukat Zammit Maempel li d-*decujus* kien inkwetat rigward is-sigurta` tal-oggetti li halla fil-kamra tant li xtaq li tkun segregata u x-xhud stess kien itih parir biex jaghlaq dan l-ambjent tieghu. Jirrizulta wkoll mill-istess xhud li malli dahal fl-Isptar Boffa, id-*decujus* kien imhasseb dwar il-kaxxa tal-flus li kellu, tant li qallu li xtaq li l-attur, allura l-prokuratur tieghu, imur jigbor il-

kaxxa. Fil-fatt jirrizulta li qatt ma thalla jidhol fid-dar biex jigbor l-oggetti tad-*decujus*, kif din il-Qorti gja rrilevat *ante.*

Il-Qorti tosserva li l-attur, in kontro-ezami, kien gie mistoqsi mid-difensur tal-konvenut jekk jaqbilx li anki meta gie rikoverat fl-isptar, Alfred Gatt "dejjem baqa' attent u preciz hafna fuq it-tmexxija ta' hwejgu"[24] u wiegeb fl-affermattiv.

Minn ezami tat-testment tieghu[25] jirrizulta li d-*decujus* halla is-segwenti legati monetarji:
Lm2000 (Art.1)
Lm1000 (Art.2)
Lm1000 (Art.3)
Lm600 (Art.5)
Lm1 kuljum *vita natural durante* lill-konvenut u lil oht id-*decujus* Maria.

Il-verzjoni tal-attur li d-*decujus* halla flus kontanti fil-kamra tieghu hija kredibbli, mhux biss ghaliex kellu negozju avvjat u ma kienx juza' *cheque books (*kif spjega l-attur) imma wkoll ghaliex id-*decujus* stess kien stqarr dan il-fatt mal-avukat tieghu biex "*ikun jaf hu wkoll*." Wiehed ma jridx jinsa' li l-avukat kien ilu jmexxih ghal xi 30 sena, mhux biss f'dak li jikkoncerna l-prokura tal-attur, imma anke fil-kwistjonijiet li kellu ma' hutu u wiehed jistenna li d-*decujus* kellu fiducja shiha fih biex jghidlu kollox li kien pertinenti ghal kaz tieghu. Anke l-hsieb tad-*decujus* li ma jhallix piz fuq il-werriet tieghu hija attendibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li juru li l-mejjet kien jiftahar kemm l-attur kien jiehu hsiebu, mhux biss bhala amministratur imma anke jaghtih kura personali.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-likwidazzjoni tal-ammont ta' flus fis-somma ta' Lm12,000 ghandha tigi milqugha bhala verosimili u attendibbli tenut kont l-entita' tal-legati imhollija li jikkonsistu f'somom kapitali kif ukoll fi hlas *vita durante* liz-zewg ahwa tad-decujus.

---

[24] Xhieda a fol. 146 tal-process.
[25] Esibit a fol. 7 tal-process.

L-attur isostni li kien hemm kont bankarju intestat lit-tliet ahwa, Alfred, Maria u Emanuel li kienu wirtu minghand huhom. Ma jghidx f'liema bank jinsab dan id-depozitu imma skont il-konvenut, il-kapital ghadu hemm. Hu pacifiku li terz (1/3) minn din is-somma tappartjeni lid-*decujus* u, sussegwentement lill-attur.

Jirrizulta mhux ikkontestat li d-*decujus* baqa ' jircievi l-pensjoni ta’ Lm146 kull erba' gimghat, *oltre bonuses* u *supplementary pension* wara li giet terminata l-prokura a favur il-konvenut (27 ta’ Frar 2002) sad-data tal-mewt tad-*decujus* (2 ta' Ottubru 2002). Ghalhekk ghal seba' xhur il-pensjoni li ssarrfet tammonta minimament ghal Lm146 X 7 xhur - Lm1,022 ossia elfejn, tliet mija u tmenin ewro u tnejn u sittin centezmu ( €2,380.62). Dwar dan il-Qorti tosserva li l-karta tal-identita' baqghet fil-pussess tal-konvenut *inoltre* kien diga` irnexxielu jsarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni meta lanqas kien prokuratur, anzi, kien hemm prokuratur ikkonfermat, li kien l-attur. Ghalhekk anke din it-talba hija ragjonevolment fondata.

**Ikkonsidrat** li l-konvenut huwa responsabbli ghar-restituzzjoni tal-flus kollha li huwa rcieva f’isem il-mandant tieghu diment li kien prokuratur u allura ghandu jaghti rendikont taghhom u jrodd lura kull ammont dovut wara li jitnaqqsu l-ispejjez tal-amministrazzjoni.

**IL-KONTRO-TALBA TAL-KONVENUT**

Permezz tal-kontro talba tieghu l-konvenut qed jitlob li jigi kkumpensat ghas-servigi minnu rezi sia meta kien prokuratur kif ukoll qabel u wara li spicca minn prokuratur.

L-attur rikonvenzjonat eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali *a tenur* tal-artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll oppona t-talba bhala nfondata fuq il-mertu salv ghad-drittijiet amministrattivi talvolta dovuti lill-konvenut ghall-perjodu tal-amministrazzjoni tieghu.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba ghal hlas ta’ servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali

kkontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, liema artikolu gie ndikat fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat. Dan l-artikolu jiddisponi li "*l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku – jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin*."

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **George Sciberras et -v- Josephine Spiteri et**[26] l-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. Il-Qrati taghna applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas-servigi[27]. Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawza "**Agostino Pace et vs Antonio Agius noe**"[28] fejn jinghad espressament li "*l-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

[26] Appell Civili Numru. 438/1993/2 deciz fil-1 ta' April 2005
[27] Ara sentenza preliminari tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Giovanna Caruana vs Salvino Scicluna et" deciza 4/06/1948 Vol. XXXIII.I.285.
[28] Ara Vol. XXIX.II.515.

Il-konvenut qed jitlob kumpens ghas-servigi allegatament rezi sia meta kien prokuratur sia qabel u wara sakemm miet huh ghalhekk lanqas mhu preciz dwar il-perjodu ezatt. Izda mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista` twassal lil din il-Qorti li tiddikjara li kien hemm interruzzjoni tad-debitu reklamat. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi milqugha u ghandha thares biss lejn il-perjodu mill- 4 ta' Novembru 1998 sakemm miet id-*decujus* fit 2 ta' Ottubru 2002.

Illi dwar il-pretensjoni tal-konvenut rikonvenzjonant ghall-kumpens jew hlas ta' servizzi moghtija huwa stabbilit li l-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija treggi fuq zewg sisien: jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel.

"Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 1954 fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et"**[29] il-posizzjoni giet kristalizzata b'dawn il-kliem:-

"*Illi minn zmien antik il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati rriteniet illi l-kumpens ghas-servigi jista' jkun dovut mhux biss 'jure actionis', jew meta jkun pattwit, imma wkoll 'officio judicis', jew meta mic-cirkostanzi jkun jidher car illi minn jippresta s-servigi kellu l-hsieb li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni ta' servigi mhix prezunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gartuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment; Il-prezunzjoni tan-'non-gratuwita`' fil-gurisprudenza anterjuri giet sostitwita bil-prezunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritatis causa'***.** *Imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela"*[30].

---

[29] Prim 'Awla, Vol. XXXVIII.ii.568.

[30] *P.A. 3.10.1935* ***Mifsud vs Briffa'****; 12.12.1935 '****Farrugia vs Caruana****".*

F’dan l-istess sens insibu wkoll per ezempju “***Gio Maria Zammit et vs Dr. Joseph Vella noe***” deciz mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Dicembru 1958 (Vol. XLII.i.621), “***Mary Grace Attard et vs Rosario Attard***” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396) u “***Alfred Caruana et vs Paul Farrugia et***” deciza mill-Prim Awla fit-2 ta’ Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).

Illi jispetta lill-konvenut li jerfa' il-piz tal-prova tas-servigi rezi. Izda l-provi mressqa mill-konvenut konsistenti biss fix-xhieda tieghu huma skarsi ferm u mhux ikkorroborati. Hu xehed li "pprova" jahsillu hwejgu meta kien l-isptar izda ammetta hu stess li l-attur ma hallihx. Allura dawn il-prestazzjonijiet zgur li ma sarux minnu. Xehed ukoll izda li kien isajjarlu: "*nieklu fuq mejda wahda u nsajjarlu jiena u kollox niehu hsieb jien. Tnejn u ghoxrin sena insajjarlu u nixtrilu jiena".*

Izda din ix-xhieda li mhiex ikkorroborata, lanqas hija verosimili fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Anzi pjuttost jirrizulta li ma kienx hemm relazzjonijiet tajbin bejn l-ahwa almenu sakemm id-*decujus* akkordalu l-prokura ghall-perjodu ta' ftit xhur qabel ma miet. Tant hu hekk li d-*decujus* kien jilmenta li hutu ma kienux iqisuh bhala parti mill-familja u li kellu jarma parti mil-kamra tieghu sahansitra bhala kcina ghaliex ma kienux ihalluh jiekol fuq l-istess mejda. Ma kienx ihossu parti mill-familja minnhabba l-imgieba ta' hutu, inkluz il-konvenut. Wiehed ma jridx jinsa li kien hemm anke kwistjonijiet legali fuq wirt bejn l-ahwa kif jixhdu l-ittri prolifici li gew skambjati bejn il-konvenut u huh *tramite* l-avukati rispettivi taghhom. F'dan l-ambjent zgur ma ffjorixxietx il-paci u l-armonija. Anzi, fi kliem id-difensur tal-attur, allura avukat tad-*decujus*, bejniethom kien hemm “*gwerra bierda”* li sahansitra wasal ghall-eskluzjoni tad-*decujus* minn daru stess. Zgur li mhuwiex kredibbli li l-istess persuna li zamm lil huh milli jidhol fid-dar ser ihoss ghall-istess huh b'mod li jghinnu u jipprestalu servigi u wisq inqas kien ser jitolbu l-ghajnuna d-*decujus*. Anke Dun Mikiel Zammit, habib tad-*decujus*, jaghmel accenn indiretta lejn il-fatt tal-inkwiet bejn l-ahwa ghaliex xehed li d-*decujus* gieli wera li ried iqajjem is-

suggett imma hu, (b'sagezza kbira), baqa' barra minnha. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li mhix attendibbli l-asserzjoni li l-konvenut seta' ppresta xi servigi personali lil huh dejjem f'dan l-isfond ta' firda li kienet tezisti bejniethom.

*Inoltre*, il-fehma tal-Qorti hija msahha peress li ma jirrizulta minn imkien li d-*decujus* ma kienx kapaci jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu qabel ma gie rikoverat fl-Isptar Boffa u meta gie hekk rikoverat, l-attur ta xhieda dettaljata tat-tip ta' prestazzjoni personali li kien jaghmel ghalih, liema ghajnuna spiccat meta tnehhiet il-prokura tieghu. Il-Qorti hawnhekk qed tirreferi ghax-xhieda tal-attur meta qal li kien induna li l-kexxun tal-komodina, fejn allura wiehed normalment ipoggi dawk il-bzonnijiet u viveri li persuna jkollha bzonn minn zmien ghal zmien, (anke biex thoss ruhha ndipendenti f'istituzzjoni bhal ma' hu Sptar jew Dar tal-Anzjani), kienet vojta, u li lanqas kien qed jinzamm fl-istil ta' hwejjeg li kien imdorri fih. Dan kollu juri l-oppost li qed isostni l-konvenut - li d-*decujus* sab ruhu nieqes mill-kura personali tant li eventwalment nehha l-prokura li kien ta lil huh.

Illi izda f'dak li jirrigwarda servizzi u prestazzjonijiet rezi mill-konvenut fl-adempiment tal-prokura tieghu, dawn ma jistghux jigu likwidati qabel ma jigi stabbilit l-attiv u l-passiv tal-amministrazzjoni, u f'dan is-sens, it-talba hija intempestiva.

Ghaldaqstant salv ghal dak dovut lill-konvenut bhala amministratur u prokuratur ta' huh, it-talbiet rikonvenzjonali ghall-kumpens ghal servigi rezi m'ghandhomx jigu milqugha *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi: -

**1.** **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' tletin (30) gurnata millum

jaghti rendikont lill-attur tal-amministrazzjoni tieghu tal-assi kollha, mobbli u mmobbli, flus u depoziti bankarji tal-mejjet Alfred Gatt, li miet fit-tnejn (2) ta' Ottubru 2002, kemm riferibbilment ghall-perjodu kopert mill-prokura tieghu u cioe' mit-30 ta' Mejju 2000 sas-27 ta' Frar 2001 kif ukoll ghall-perjodu shih tal-amministrazzjoni tieghu tas-sehem indiviz spettanti lid-*decujus* mill-wirt tal-genituri tieghu, Lorenzo u Giuseppa konjugi Gatt, u mill-wirt ta' familjari ohra tad-*decujus*.

**2. Tilqa'** it-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex fl-istess zmien perentorju stabbilit fil-paragrafu precedenti, jikkonsenja lill-attur a spejjez tieghu (i) l-oggetti kollha mobbli li jinsabu elenkati fl-inventarju anness bhala "**DOK A"** mal-ahhar testment tad-*decujus* Alfred Gatt ippubblikat min-Nutar Joseph Henry Saydon fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) liema inventarju jinsab a fol.11 sa 13 ta' dan il-process, u jitqies li jifforma parti integrali ta' din is-sentenza; (ii) jhallas lill-attur is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u tnejn u hamsin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€27,952.48) rapprezentanti somma ta' flus li kienet fil-pussess tad-*decujus*, (iii) jrodd lill-attur is-sehem ta' terz (1/3) mill-kapital li kien jinsab depozitat f'kont bankarju li qatt ma gie diviz u li kien intestat f'isem il-konvenut, id-*decujus* u ohthom, Maria, ahwa Gatt; (iv) jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn, tliet mija u tmenin ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,380.62) rapprezentanti flejjes percepiti minnu f'cekkijiet tal-pensjoni tad-*decujus* kif spjegat fis-sentenza, u dan kollu bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u dan b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur ghall-beni ohra li jistghu jirrisultaw li jifformaw parti mill-assi ereditarju tad-decujus risultanti mir-reza konti tal-konvenut ordnat minn din il-Qorti.

**3. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-eccezzjoni ghad-dritt tieghu ghall-kumpens ghax-xoghol li ghamel bhala prokuratur tad-*decujus*, liema talba qed tibqa' riservata favur il-konvenut in kwantu li hija intempestiva.

L-ispejjez kollha huma a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------